# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Ġunju 2021**

**Talba Nru: 390/19 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**Alfred Cuschieri (K.I. 89440(M)) u Monica Cuschieri (K.I. 104443(M))**

**Vs**

**Breydon Azzopardi (K.I. 104090(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-19 ta' Diċembru 2019[1], permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000) rappreżentanti xogħlijiet li kellhom isiru sabiex tiġi riparata sistema tad-drenaġġ u xogħolijiet oħra li ma ġewx kompletati u materjal mixtri li qatt ma ġie ritornat, kif aħjar deskritt fl-istess

[1] A fol 1 *et seq.*

Avviż tat-Talba u li konsegwentement it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont mitlub. Intalbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax;

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[2];

Ra lill-konvenut debitament notifikat[3], naqas li jirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri u li jippreżenta risposta formali u b'hekk ġie dikjarat bħala li kien waqa' fi stat ta' kontumaċja[4];

Ra li fis-seduta tat-8 ta' Frar 2021, l-atturi ppreżentaw kapitolu fil-konfront tal-konvenut[5];

Ra li fis-seduta sussegwenti, l-konvenut naqas milli jidher sabiex jirrispondi għall-istess kapitolu u b'hekk dan ġie kkunsidrat bħala mistqarr u mistħoqq[6];

Sema x-xhieda ta' Alfred Cuschieri[7];

Ra n-nota kontenenti d-dokumenti li kienu imsemmija fix-xhieda ta' Alfred Cuschieri[8];

Ra l-atti proċesswali kollha;

---

[2] A fol 19.
[3] *A tergo* ta' fol 22.
[4] Seduta tat-08 ta' Frar 2021.
[5] *Ibid nru. 4.*
[6] Seduta tat-22 ta' Frar 2021.
[7] Seduta tas-6 ta' Mejju 2021.
[8] Ippreżentata fid-19 ta' Mejju 2021.

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, l-konvenut f'dawn il-proċeduri naqas milli jsegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġie dikjarat li kien waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni.

Illi peró, apparti minn hekk, kif ukoll hawn fuq indikat, ġie preżentat kapitolu fil-konfront tal-istess konvenut, u stante nuqqas tal-konvenut li jidher sabiex iwieġeb, l-istess kapitolu ġie mistqarr bħala mistħoqq. B'hekk t-Tribunal għandu wkoll prova pożittiva kontra l-istess konvenut[9].

Illi madanakollu, t-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti, għaliex wara kollox, it-Tribunal huwa obbligat li janalizza l-ammissjoni flimkien ma kull prova oħra[10].

---

[9] Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen u Claudia mizzewgin Vella vs Bollicine Limited Et**, (Appell Civili Numru. 161/2005/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 in tema ngħad li: *"Dan premess, jibda biex jigi osservat illi in linea ta' principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani", Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998, illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut".*

[10] Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Tony Xerri**, (Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2009/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Lulju 2010, in tema ngħad li *"... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din listess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-*

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mill-attur m'għandux jitwemmen, u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-Talba.

Illi dwar l-ammont reklamat, l-atturi f'din it-Talba kienu ċari fl-Avviż imħejji minnhom u talbu ammont speċifiku. Sussegwentement, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2021 ġie dikjarat li għalkemm l-ammont globali li possibbilment kellhom jieħdu kien aktar minn dak mitlub, huma kienu qegħdin jillimitaw il-pretensjoni tagħhom għall-ammont tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Din id-dikjarazzjoni saret bil-kuxjenza totali li sejrin ikunu preklużi fil-futur milli jressqu pretensjoni fuq l-istess mertu.

Illi mid-dokumenti mressqa jirriżulta li l-ammont mitlub m'huwiex wieħed esaġerat u hemm prova suffiċjenti ta' dak reklamat.

Illi għal dak li jikkonċerna il-ħlas rigwardanti l-ħamrija, huwa minnu li l-prova in atti m'hijiex ta' l-aħjar kwalità. Madankollu, għandu jkun indiskuss li dan it-Tribunal huwa munit b'fakultá differenti mill-Qrati ordinarji u ċioé l-obbligu li prinċipalment jaqta' t-talbiet quddiemu b'element t'ekwitá[11]. Issa, d-diskrezzjoni ekwitattiva m'għandhiex tintuża sabiex *jivvjola n-normi pożittivi tal-ġustizzja, sew proċedurali in kwantu għall-oneru tal-provi, sew sostantivi*[12]. Min-naħa l-

*talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process".* Wieħed huwa wkoll mistieden jaqra dak li seħħ fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020.

[11] Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

[12] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Martin Paul u Connie konjugi Vella vs Chris Micallef,** (Appell Ċivili Numru. 653/2008/) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010.

oħra mbagħad dan il-kejl jippermetti wkoll ċertu ammont t'elastiċita f'dak li huwa ġudizzju[13].

Illi dwar dan l-aħħar punt, huwa minnu li l-valutazzjoni ekwitattiva m'hijiex tal-istess xorta ta' dik l-ekwitá kontemplata skond il-liġi speċjali li tirregola dan it-Tribunal, madankollu, t-Tribunal jrid jagħmilha ċara li dan il-kejl sejjer issa jiġi utilizzat biss għal aspett uniku (il-ħamrija) ta' dak reklamat[14]. Għalhekk, anke in ommaġġ tal-massima *ex aequoe et bono*[15], t-Tribunal sejjer jikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont mitlub.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi:

1) Jiddikjara lill-konvenut huwa debitur tal-atturi fl-ammont ta' ħames t'elef Ewro;
2) Jikkundanna l-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' ħames t'elef Ewro (€5,000), bl-imgħax legali mid-19 ta' Diċembru 2019[16] sad-data tal-pagament effettiv.

---

[13] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Assocjazzjoni GS1 Malta vs Andrews Feeds (Malta) Limited,** (Appell Ċivili Nru: 851/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Diċembru 2008.

[14] Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana,** (Appell Ċivili Nru: 266/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Novembru 2009 intqal hekk*: Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala bonum vir, ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u talpregudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghallanqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti";*

[15] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Charles Attard vs Carmela Frendo,** (523/1983/1) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar 2003.

[16] Għal dan it-Tribunal, it-talba kif dedotta tinkludi fiha ħlas t'ammont speċifiku. Madanakollu, ai fini t'interessi, t-Tribunal m'huwiex sejjer jikkunsidra n-notifika tal-ittra uffiċjali bin-numru

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu internament mill-konvenut[17].

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

3120/19 għaliex dik l-ittra ma tikkontjeniex interpellanza għal-ħlas t'ammont speċifiku. B'hekk l-imgħax għandu jiddekkorri mill-preżentata tal-Avviż.

[17] Ma ġewx mitluba l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali.